



Brussell, 10 ta' April 2026
(OR. en)

7949/26

UEM 125	RECH 157
ECOFIN 413	ENER 161
SOC 185	JAI 425
EMPL 85	GENDER 26
COMPET 397	ANTIDISCRIM 33
ENV 311	JEUN 49
EDUC 107	SAN 201
ECB	EIB

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 136, flimkien mal-Artikolu 121(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi², u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

¹ ĠU L, 2024/1263, 30.4.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1263/oj>.

² ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/1176/oj>.

Billi:

- (1) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Politika Ekonomika taż-żona tal-euro hija parti integrali miċ-ċiklu annwali tal-koordinazzjoni makroekonomika. Hi toffri gwida lill-Istati Membri taż-żona tal-euro, imfassla għall-isfidi speċifiċi li qed tiffaċċa l-Unjoni Ekonomika u Monetarja.
- (2) Ir-Rakkomandazzjoni sservi bħala għodda biex tgħin fid-definizzjoni tal-aġenda politika tal-Grupp tal-Euro u tippromwovi diskussjonijiet ta' politika dwar kwistjonijiet ta' interess komuni, filwaqt li tgħin fit-trawwim tal-koerenza u tal-konverġenza tal-politiki tal-Unjoni u dawk nazzjonali. Hekk kif tipprovdi fehim kondiviż dwar il-prijoritajiet ta' politika ewlenin, hija tikkontribwixxi għal koordinazzjoni ta' politika aktar effettiva, issaħħaħ ir-reżiljenza u ssaħħaħ il-kapaċità taż-żona tal-euro li tirrispondi għal xokkijiet esterni filwaqt li taħtaf l-opportunitajiet għal tkabbir sostenibbli u inklużiv, tissalvagwardja l-istabbiltà u tgħin fit-tranżizzjoni lejn ekonomija dekarbonizzata u diġitali.

(3) Iż-żona tal-euro qed tiffaċċa ambjent globali aktar inċert milli fi kwalunkwe żmien f'dawn l-aħħar għaxar snin. It-tensjonijiet ġeopolitiċi, b'mod partikolari l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja li għaddejjja kontra l-Ukrajna, li taffettwa r-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant tal-UE, u l-ħolqien ta' ordni dinji aktar frammentat u multipolari qed isawru mill-ġdid ix-xejriet kummerċjali u finanzjarji. Approċċi unilaterali minn sħab ewlenin, b'mod partikolari fil-kummerċ, iddestabilizzaw is-swieq u qajmu mistoqsijiet dwar l-affidabbiltà ta' oqfsa internazzjonali li ilhom jeżistu. Minn naħa waħda, dawn l-iżviluppi jikkostitwixxu xokkijiet esterni li jfixklu l-ktajjen tal-provvista globali, u joħolqu volatilità fil-kummerċ, fil-flussi tal-kapital u fis-swieq tal-enerġija. Min-naħa l-oħra, huma jenfasizzaw l-importanza tas-sigurtà ekonomika u tal-awtonomija strateġika miftuħa bħala komponenti ewlenin tar-reżiljenza ekonomika u jenfasizzaw l-urġenza li jsir investiment f'kapaċitajiet kritiċi u fiċ-ċirkolarità. F'dan l-isfond, il-Boxxla għall-Kompetittività³ – inizjattiva strateġika mill-Kummissjoni Ewropea – tipprovdi qafas siewi biex jiġu vvalutati kemm l-isfidi kif ukoll l-opportunitajiet. Hi tidentifika tliet oqfsa ta' prijorità – it-tnaqqis tad-distakk fl-innovazzjoni, id-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija, u t-tnaqqis tad-dipendenzi strateġiċi – u permezz ta' dan tindika fejn l-Unjoni u ż-żona tal-euro jridu jikkonċentraw l-isforzi biex jiżguraw il-prosperità f'dinja li qed tinbidel malajr. Biex jinħatfu l-opportunitajiet emerġenti, huma essenzjali politiki li jħarsu 'l quddiem, koordinazzjoni aktar mill-qrib fost l-Istati Membri u enfasi mġedda fuq l-innovazzjoni. Billi jindirizzaw il-vulnerabbiltajiet strutturali, u japprofondixxu s-Suq Uniku, filwaqt li fl-istess ħin isaħħu s-sigurtà u l-awtonomija strateġika Ewropej, l-Unjoni u ż-żona tal-euro jistgħu jibdlu l-perssonijiet esterni fi xprunaturi tar-reżiljenza fit-tul u tal-influwenza globali. Barra minn hekk, il-mobilizzazzjoni tal-investiment privat u pubbliku hija kruċjali biex tingħata spinta lit-tkabbir tal-produttività u jintlaħqu l-għanijiet tal-UE.

³ COM(2025) 30 final.

- (4) L-ekonomija taż-żona tal-euro għadha turi r-reżiljenza tagħha. It-tkabbir ekonomiku qabeż l-aspettattivi fl-2025. Din il-prestazzjoni aħjar milli mistenni kienet inizjalment dovuta għal żieda fl-esportazzjonijiet qabel iż-żidiet antiċipati fit-tariffi, iżda l-investment fit-tagħmir u fl-assi intanġibbli wkoll kellu prestazzjoni aktar qawwija milli mistenni. Bħala waħda mill-aktar ekonomiji kbar u miftuħa fid-dinja, iż-żona tal-euro hija mistennija li tħoss il-pressjoni taż-żieda fir-restrizzjonijiet u fit-tensjonijiet kummerċjali globali. B'riżultat ta' dan, id-domanda domestika hija, u mistennija li tibqa', il-mutur primarju tat-tkabbir, mirfud minn suq tax-xogħol robust, li jtejjeb l-introjt reali, u kundizzjonijiet ta' finanzjament ġeneralment favorevoli. Fl-2026, l-attività ekonomika x'aktarx li tibqa' ristretta minn domanda esterna aktar bil-mod minħabba restrizzjonijiet kummerċjali u inċertezza globali persistenti. B'mod ġenerali, skont it-tbassir tal-Ħarifa tal-Kummissjoni, il-PDG reali fiż-żona tal-euro huwa mistenni li jikber b'1.2 % fl-2026. Il-prospettiva tat-tkabbir għadha soġġetta għal inċertezza għolja, b'riskji negattivi prevalenti.
- (5) L-inflazzjoni fiż-żona tal-euro għadha moderata. Mir-rebbiegħa tal-2025, l-inflazzjoni varjat madwar livelli ġeneralment konsistenti mal-istabbiltà tal-prezzijiet. L-inflazzjoni globali (HICP) kienet ta' 1,9 % f'Diċembru 2025, filwaqt li l-inflazzjoni bażi (minbarra l-ikel u l-enerġija) għadha oġhla bi 2,3 %. Il-pressjonijiet sottostanti fuq il-prezzijiet huma mistennija li jibqgħu mrażżna mill-apprezzament reċenti tal-euro, hekk kif dawn jintensifikaw il-kompetizzjoni fl-importazzjoni u jimmoderaw it-tkabbir fil-pagi. Filwaqt li għal xi Stati Membri l-inflazzjoni għadha għolja, l-inflazzjoni taż-żona tal-euro u l-prospettiva tagħha dan l-aħħar kienu qrib id-definizzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) tal-istabbiltà tal-prezzijiet. F'dan il-kuntest, il-BĊE waqqaf iċ-ċiklu ta' llaxkar li beda f'Ġunju 2024. Bejn Ġunju 2024 u 2025, ir-rata tal-faċilità ta' depożitu tnaqqset b'total ta' 200 punt bażi, u b'hekk tbaxxiet għal 2 %. B'riżultat ta' dan, ir-rati ta' politika fiż-żona tal-euro bħalissa huma qrib ħafna tal-estimi tar-rata naturali. Meta wieħed iħares 'il quddiem, l-inflazzjoni globali hija pproġettata mill-Kummissjoni għal 2,1 % fl-2025 u 1,9 % fl-2026. Ir-riskji għall-prospettiva tal-inflazzjoni huma ġeneralment bilanċjati, bil-biċċa l-kbira tal-miżuri tal-aspettattivi dwar l-inflazzjoni aktar fit-tul ikomplu jkunu ta' madwar 2 %, u b'hekk jappoġġaw l-istabilizzazzjoni tal-inflazzjoni madwar il-mira. Dan jindika li l-politika tal-BĊE kienet kredibbli, billi ankrat l-aspettattivi u ggwidat l-inflazzjoni lura lejn l-istabbiltà tal-prezzijiet.

- (6) F'dawn l-aħħar snin, kien hemm titjib rilevanti fil-pożizzjoni fiskali taż-żona tal-euro kollha kemm hi: mill-2020 sal-2024, id-defiċit medju naqas minn 7,0 % tal-PDG għal 3,1 % tal-PDG, filwaqt li l-proporzjon tad-dejn għall-PDG naqas b'10,1 punti perċentwali u laħaq 88,1 % tal-PDG fl-2024. Meta wieħed iħares 'il quddiem, il-prospettiva fiskali tindika deterjorament modest, bid-defiċit mistenni li jiżdied għal 3,2 % tal-PDG fl-2025 u 3,3 % tal-PDG fl-2026, xprunat minn żieda fl-infiq fid-difiża, flimkien ma' tkabbir kontinwu fin-nefqa fuq l-imgħax u xi nuqqasijiet fid-dħul. Il-proporzjon tad-dejn huwa pproġettat li jiżdied għal 88,8 % tal-PDG fl-2025 u 89,8 % tal-PDG fl-2026, li jirrifletti differenzjal inqas favorevoli bejn it-tkabbir u r-rata tal-imgħax, u defiċits primarji persistenti. Il-pożizzjoni fiskali hija pproġettata li tibqa' ġeneralment newtrali matul il-perjodu ta' tbassir kemm fl-UE kif ukoll fiż-żona tal-euro, għalkemm b'varjazzjoni konsiderevoli fost l-Istati Membri. Il-pożizzjoni fiskali hija ffurmata mill-perkorsi fiskali li ġew rakkomandati mill-Kunsill f'konformità mal-qafas ta' governanza ekonomika tal-Unjoni, l-impatt tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) u Fondi oħra tal-UE u, fejn applikabbli, il-flessibbiltà temporanja permessa skont il-klawżola liberatorja nazzjonali biex tiġi ffaċilitata l-bidla lejn infiq ogħla fid-difiża.

- (7) It-tiswir mill-ġdid tal-ambjent tas-sigurtà tal-Ewropa qed iwassal għal tranżizzjoni lejn żieda sostanzjali fl-infiq fid-difiża u s-sigurtà mal-Unjoni kollha. Il-Kunsill appoġġa dan l-isforz billi attiva l-klawżoli liberatorji nazzjonali għall-2025 sal-2028, skont il-qafas fiskali tal-UE, għal 13-il Stat Membru taż-żona tal-euro, s'issa, li applikaw sa Diċembru 2025. Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli ppubblikaw White Paper għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030⁴, flimkien mal-pjan ReArm Europe, li jipprovdi lievi finanzjarji għall-Istati Membri biex isaħħu l-kapaċitajiet u l-infrastruttura tad-difiża, inkluż l-Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE)⁵, li permezz tagħha l-UE ser ttiprovdi sa EUR 150 biljun f'self lill-Istati Membri biex jappoġġaw l-investimenti fid-difiża. Dan l-istrument il-ġdid intlaqa' b'domanda qawwija mill-Istati Membri, li esprimew l-interess tagħhom li jipparteċipaw. In-nefqa fid-difiża għadha irregolari fost il-pajjiżi u xi drabi kkonċentrata ħafna fuq il-kostijiet tal-persunal, filwaqt li l-industrija tad-difiża Ewropea hija frammentata. Min-naħa tad-domanda, id-dipendenza fuq sistemi fornuti minn barra l-Ewropa u ċikli twal ta' żvilupp jillimitaw l-effiċjenza u l-kapaċità li tiżdied il-produzzjoni malajr. Iż-żieda fil-produzzjoni Ewropea, iż-żieda fil-kooperazzjoni fost l-Istati Membri u ż-żieda fis-sehem ta' oġġetti militari li huma ddisinjati u manifatturati fl-Ewropa ser jirrikjedu l-indirizzar tar-restrizzjonijiet eżistenti u l-integrazzjoni ulterjuri tas-suq tat-tagħmir għad-difiża. Dan jista' jwassal għal stimolu makroekonomiku fuq terminu qasir sa medju, dment li l-akkwist jingrana l-kapaċitajiet industrijali Ewropej, filwaqt li l-potenzjal kbir tiegħu għall-innovazzjoni joħloq opportunità għal effetti konsegwenzjali fuq il-produttività fit-tul, b'mod partikolari jekk organizzat b'mod konġunt.

⁴ White Paper għad-Difiża Ewropea – Prontezza 2030.

⁵ COM(2025) 122 final.

- (8) Il-pożizzjoni fiskali ġenerali fiż-żona tal-euro għadha taħt pressjoni, bid-defiċits tal-gvern u l-livelli tad-dejn għadhom oġhla mill-proporzjonijiet ta' qabel il-pandemija f'diversi Stati Membri u mhux imbassra li jonqsu fis-snin immedjati li ġejjin. Ir-rispett tal-perkorsi fiskali rakkomandati mill-Kunsill biex tiġi ppreservata s-sostenibbiltà tad-dejn jeħtieġ li jimxi id f'id ma' spazju għal pressjonijiet ta' nfiq li jirriżultaw mill-ħtieġa li jittejjbu l-kapaċitajiet ta' difiża, tissaħħaħ il-kompetittività, inkluż billi tiġi appoġġata l-innovazzjoni, u jissaħħaħ l-investment fuq prijoritajiet strateġiċi, inkluż f'kapaċitajiet u infrastruttura kritiċi, kif ukoll għall-kostijiet baġitarji assoċjati ma' avvenimenti dejjem aktar frekwenti relatati mat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali, li t-telf tagħhom huwa assigurat privatament biss sa ċertu punt limitat f'bosta pajjiżi. Dawn il-ħtiġijiet ta' nfiq sinifikanti u konkorrenti ser jirrikjedu prijoritizzazzjoni mill-ġdid u gradwali tan-nefqa pubblika, it-teħid ta' miżuri biex titrażżan iż-żieda fl-ispejjeż marbuta mat-tixjiħ, it-titjib tal-kwalità tal-programmi ta' nfiq u l-esplorazzjoni tal-ambitu għall-mobilizzazzjoni ta' dħul addizzjonali. It-tnaqqis tal-lakuni tat-taxxa billi tittejjeb il-konformità mar-regoli tat-taxxa, inkluż permezz tad-diġitalizzazzjoni, l-indirizzar tal-evitar u l-evazzjoni tat-taxxa u l-ġlieda kontra l-ippjanar aggressiv tat-taxxa jibqgħu importanti biex jiġu żgurati sistemi tat-taxxa ġusti u effiċjenti. It-twessigħ tal-bażi tat-taxxa u l-bidla lejn taxxi inqas detrinentali għat-tkabbir, filwaqt li jiżdiedu l-inċentivi għax-xogħol u l-allinjament tal-istrateġiji tat-taxxa ma' objettivi ta' politika usa', għandhom jappoġġaw finanzi pubbliċi sodi u tkabbir sostenibbli. L-infiq jista' jsir ħafna aktar effiċjenti u mmirat lejn il-prijoritajiet ta' politika permezz ta' użu bir-reqqa tar-rieżaminazzjonijiet tal-infiq, l-analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji u l-għodod tal-ibbaġitjar tal-prestazzjoni. B'mod partikolari, użu akbar tal-assigurazzjoni privata ta' telf relatat mal-klima jista' jipprovdi spazju fiskali addizzjonali. Fl-2025, ir-regoli dwar ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE enfasizzaw ukoll għadd ta' oqsma (id-difiża u s-sigurtà, il-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni, it-tranżizzjoni tal-enerġija, l-akkomodazzjoni affordabbli, il-miżuri relatati mal-ilma u l-isfidi li qed jiffaċċjaw ir-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant) bħala prijoritajiet strateġiċi tal-UE. Ir-riprogrammazzjoni tal-programmi operazzjonali u l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi disponibbli jippermettu investimenti addizzjonali f'dawn l-oqsma. Fl-aħħar nett, it-titjib tal-effiċjenza tal-investment pubbliku permezz ta' ppjanar sod fuq terminu medju u twil, koordinazzjoni effettiva bejn l-oqsma ta' politika u l-livelli tal-gvern, evalwazzjoni rigoruża tal-proġetti u sinerġiji mal-finanzjament privat jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-produttività u s-sostenibbiltà fiskali.

- (9) Is-suq tax-xogħol taż-żona tal-euro għadu robust minkejja n-nuqqas ta' ħaddiema, li qed jonqos iżda għadu mdaqqa. Il-qgħad jinsab flivelli storikament baxxi, u kien 6,4 % f'nofs l-2025. It-tkabbir fl-impjiegi naqas, iżda qed ikompli jiġi appoġġat minn żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-migrazzjoni minn barra l-UE. F'diversi Stati Membri, il-migrazzjoni netta ilha l-kontributor ewlieni għat-tkabbir fl-impjiegi mill-2021. Il-migrazzjoni legali ġestita għenet biex ittaffi n-nuqqas ta' ħaddiema f'industriji speċifiċi u tpatti għall-ostakli demografiċi. Fl-istess ħin għad hemm differenzi mdaqqa fost il-gruppi tal-popolazzjoni. Il-prospettiva għall-2026 tindika moderazzjoni kontinwa fit-tkabbir tal-impjiegi u qgħad baxx kontinwu, iżda b'disparitajiet persistenti bejn l-Istati Membri u r-reġjuni. Restrizzjonijiet kummerċjali akbar u inċertezza persistenti jistgħu jkunu ta' piż fuq it-tkabbir u, għalhekk, fuq l-impjiegi kemm permezz ta' tariffi oġhla fuq l-esportazzjonijiet kif ukoll permezz ta' inċertezza globali akbar. It-tkabbir fil-pagi nominali qed jimmodera wara perjodu ta' tkabbir rapidu. It-tkabbir annwali fil-kumpens għal kull impjegat fiż-żona tal-euro kien ta' 3,9 % fl-ewwel nofs tal-2025, tnaqqis minn medja ta' 4,5 % fl-2024. Minħabba t-tnaqqis fl-inflazzjoni, il-pagi reali żdiedu b'1,7 % fl-ewwel nofs tal-2025 u, sa nofs l-2025, il-kapaċità tal-akkwist tal-pagi kienet irkuprat għal-livelli tal-2019 fiż-żona tal-euro kollha kemm hi. Meta wieħed iħares 'il quddiem, it-tkabbir fil-pagi nnegozzati huwa mistenni li jkompli jimmodera gradwalment.

(10) In-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet flimkien mal-pressjonijiet demografiċi jkomplu joħlqu sfidi importanti għal ħafna setturi Ewropej u għall-ekonomija kollha kemm hi. Id-dinamika tas-suq tax-xogħol hija msawra wkoll mit-tranżizzjoni li għaddejja lejn ekonomija diġitali (f'konformita mal-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Digitali⁶) u dik dekarbonizzata, li qed joħlqu opportunitajiet ġodda, u b'hekk ibiddu l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol rigward ċerti tipi ta' ħiliet u impjegji. It-tagħmir tal-ħaddiema għal din il-bidla jeħtieġ sforzi sostnuti fit-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, appoġġati minn allinjament aktar mill-qrib bejn il-politiki tas-suq tax-xogħol, il-provvista tal-edukazzjoni u t-taħriġ, u l-ħiliet mitluba. Barra minn hekk, it-tisħiħ tal-kisba ta' ħiliet bażiċi minn età bikrija jgħin biex jitqiegħdu l-pedamenti għall-iżvilupp tal-ħiliet. L-indirizzar ta' disparitajiet reġjonali kbar fil-ħiliet u d-dotazzjonijiet tal-kapital uman ser ikun ta' benefiċċju għall-ħaddiema u ser isaħħaħ is-suq uniku. Enfasi aktar qawwija fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ STEM (xjenza, teknoloġija, inġinerija u matematika) - oqsma fejn jeżistu nuqqasijiet, filwaqt li jiġu indirizzati l-isterjotipi marbuta mal-ġeneru - hija essenzjali wkoll biex jiġu sostnuti l-kompetittività, il-preparatezza u t-tmexxija teknoloġika. It-tisħiħ tal-inċentivi għax-xogħol billi l-piż tat-taxxa jiġi ttrasferit lil hinn mix-xogħol, inkluż permezz ta' riformi mmirati tas-sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji, kif ukoll it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol f'ċerti setturi, għandhom jappoġġaw il-parteciċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-impjegji. L-iffaċilitar tal-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' gruppi sottorappreżentati (inkluż in-nisa, ħaddiema żgħażaġh u akbar fl-età, dawk b'livell baxx ta' ħiliet, migranti, Rom u persuni b'diżabbiltà) li jiddependu fuq il-kuntast speċifiku għall-pajjiż, ikompli jsaħħaħ il-provvista u l-inklużività tax-xogħol. Il-parteciċipazzjoni taż-żgħażaġh u l-prosperità fil-forza tax-xogħol huma strumentali għall-prosperità sostnuta tal-Unjoni. Fl-istess ħin, it-tnaqqis tal-faqar, anke fost it-tfal, u l-appoġġ lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli permezz ta' sistemi ta' protezzjoni u inklużjoni soċjali adegwati u sostenibbli, inkluż it-titjib tal-aċċess għas-servizzi tal-kura u t-titjib tal-akkomodazzjoni affordabbli u aċċessibbli, kif ukoll l-appoġġ għat-tranżizzjonijiet tas-suq tax-xogħol, huma kruċjali għall-koeżjoni soċjali. Il-ħolqien ta' impjegji ta' kwalità u t-tranżizzjonijiet, kif ukoll l-iżgurar tal-involvement effettiv tas-sħab soċjali fit-tfassil tal-politika u t-tisħiħ tad-dialogu soċjali, jibqgħu essenzjali biex jiġu sostnuti l-kompetittività taż-żona tal-euro u r-reżiljenza għat-tibdil strutturali. L-inizjattivi fil-qafas tal-Unjoni tal-Hiliet⁷, il-Pjan Direzzjonali għal Impjegji ta' Kwalità ser jgħinu biex jixprunaw dawn l-isforzi⁸.

⁶ Il-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali (DDPP) jipprovdi qafas ta' governanza kondiviż u legalment vinkolanti biex imexxi t-trasformazzjoni diġitali tal-UE lejn l-2030. Dan jiddefinixxi miri u objettivi komuni tal-UE li huma rikonoxxuti bħala faċilitatur essenzjali tal-kompetittività, ir-reżiljenza u s-sovranià teknoloġika tal-Ewropa.

⁷ COM(2025) 90 final.

⁸ COM(2025) 959 final.

(11) L-indirizzar tad-dgħufijiet strutturali huwa kruċjali biex jiġi sfruttat tkabbir ekonomiku aktar b'saħħtu u aktar sostenibbli fl-Unjoni u fiż-żona tal-euro, u biex jissaħħu l-kompetittività u r-reżiljenza ġenerali. Il-potenzjal tat-tkabbir tal-UE huwa mfixkel minn żidiet fil-produttività fil-biċċa l-kbira limitati għall-manifattura ta' teknoloġija medja u servizzi b'livell baxx ta' ħiliet, filwaqt li l-Istati Uniti raw żvilupp aktar sinifikanti f'setturi innovattivi u b'livell għoli ta' ħiliet b'has-servizzi tal-IT. It-tiżni tal-kapaċità Ewropea għall-innovazzjoni u l-kompetizzjoni globali jeħtieġ il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi disponibbli fir-reġjuni kollha tal-UE u t-tisrif tal-bażi ta' riċerka b'saħħitha tagħha f'teknoloġiji u prodotti kummerċjabbli. Dan jitolb investiment oġhla fir-Riċerka u l-Iżvilupp (R&Ż) u fl-għarfien, rabtiet aktar b'saħħithom bejn ir-riċerka u l-industrija, ekosistemi tal-innovazzjoni aktar profondi, strateġija tal-UE li tħares 'il quddiem biex tattira t-talent u l-iżgurar tat-tkabbir ta' industrija tal-ekonomija ċirkolari żviluppata sew. Għal dan l-għan, is-sistema tal-privattiva unitarja tipprovdi strument ewlieni biex tissaħħaħ l-innovazzjoni. B'mod parallel, InvestEU⁹ jimmobilizza volumi kbar ta' investiment pubbliku u privat, inkluż fl-iżvilupp u l-użu ta' innovazzjonijiet, u l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP)¹⁰ tipprovdi mezz importanti biex ir-riżorsi jiġu diretti lejn teknoloġiji strateġiċi. Minkejja t-titjib reċenti, l-ekosistema tal-kapital ta' riskju tal-UE għadha frammentata u sottokapitalizzata, speċjalment fir-rigward tal-investimenti f'kumpaniji scale-up. L-espansjoni tal-kapital ta' riskju privat fit-tul, inkluż permezz tal-progress lejn Unjoni tat-Tfaddil u l-Investiment u appoġġ sostnut permezz ta' politiki pubbliċi, hija importanti wkoll biex tiżdied l-innovazzjoni u jingħata appoġġ lir-R&Ż fil-livell Ewropew. Dan jirrikjedi wkoll miżuri li jiffaċilitaw l-aċċess tal-SMEs għall-kapital u n-networks tal-innovazzjoni, peress li dawn jirrappreżentaw sehem sinifikanti tal-istruttura produttiva taż-żona tal-euro. It-tkabbir u l-kompetittività tal-Ewropa huma mxejjla wkoll minn spejjeż tal-enerġija strutturalment oġhla. Il-Pjan ta' Azzjoni għal Enerġija Affordabbli għandu l-għan li jnaqqas il-prezzijiet tal-enerġija u li jkompli jnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili. Għal dan l-għan, it-tlestija tal-Unjoni tal-Enerġija, l-elettrifikazzjoni, l-effiċjenza enerġetika, l-użu aċċellerat tal-enerġija rinnovabbli u nadifa, il-kapaċità mtejbja tal-grilja, inkluż l-interkonnetturi transfruntiera u l-użu effiċjenti ta' dawk eżistenti, l-infrastruttura tal-grilja intelliġenti, u flessibilità akbar tas-sistema tal-enerġija huma essenzjali.

⁹ ĠU L 107 26.3.2021, p. 30, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/523/oj>.

¹⁰ ĠU L, 2024/795, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/795/oj>.

(12) Swieq tal-oġġetti, tax-xogħol u swieq finanzjarji li jiffunzjonaw tajjeb huma essenzjali għall-investiment, ir-reżiljenza u l-produttività. Il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi għas-setturi li juru potenzjal għoli ta' tkabbir fil-produttività tirrikjedi t-tneħħija ta' ostakli għar-riallokazzjoni tal-kapital u tax-xogħol, inkluż biex jiġu ffaċilitati l-kumpaniji start-up u scale-up. Minkejja l-kontribut kbir tiegħu għall-benesseri u l-konverġenza tal-Ewropa, is-Suq Uniku għadu mhux komplut – b'mod partikolari fis-servizzi, fis-settur diġitali u tal-enerġija – minħabba ostakli interni, disparitajiet regolatorji, proċeduri kumplessi u lakuni fit-traspożizzjoni. F'Mejju 2025, il-Kummissjoni nediet Strateġija ġdida għas-Suq Uniku¹¹, li għandha tissaħħaħ permezz ta' Pjan Direzzjonali għas-Suq Uniku sal-2028, biex jitnaqqsu l-ostakli, jiġu evitati ostakli ġodda, u biex is-Suq Uniku jiġi allinjat mal-oġġettivi strateġiċi tal-Ewropa. Lil hinn mis-Suq Uniku, it-trawwim ta' ambjenti tan-negozju ta' appoġġ b'enfasi fuq is-simplifikazzjoni, it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u t-tisħiħ tal-governanza tal-politiki tal-produttività permezz ta' Bordijiet Nazzjonali tal-Produttività aktar b'saħħithom jistgħu jgħinu biex tiżdied il-produttività mal-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, fil-kuntest attwali tal-frammentazzjoni ġeoeconomika, it-trawwim ta' relazzjonijiet kummerċjali u finanzjarji b'saħħithom ma' sħab tal-istess fehma jista' jixpruna wkoll it-tkabbir sostenibbli u l-investimenti. L-implimentazzjoni ta' riformi strutturali, inkluż dawk elenkati fil-pjanijiet fiskali-strutturali fuq terminu qasir, u dawk appoġġati mill-fondi tal-Unjoni, bħall-RRF u Fondi oħra tal-UE, tgħin biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-Istati Membri billi jitneħħew l-ostakli għall-investiment, jittejjeb l-ambjent tan-negozju u tissaħħaħ l-istabbiltà ekonomika.

¹¹ COM(2025) 500 final.

(13) L-UE tiġġenera ffrankar abbondanti biex tiffinanzja l-investimenti u l-prijoritajiet strateġiċi tagħha. Iż-żona tal-euro hija fornitur nett ta' kapital għall-bqija tad-dinja, konsegwenza ta' surplus sinifikanti persistenti fil-kont kurrenti tagħha, filwaqt li l-ħtiġijiet ta' investiment fid-djar – inkluż ir-R&Ż, l-enerġija nadifa, l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-infrastruttura diġitali, id-difiża u l-ispazju – għadhom sostanzjali. L-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti¹² għandha l-għan li ttejjeb il-fluss tat-tfaddil domestiku fl-investiment domestiku kif ukoll li ttejjeb l-aċċess tal-kumpaniji Ewropej għall-finanzjament, b'mod konsistenti mal-oġġettivi ta' Suq Uniku profond u li jiffunzjona tajjeb. Għandha wkoll l-għan li tagħti liċ-ċittadini aktar opportunitajiet biex jibnu l-ġid tagħhom billi jinvestu fis-swieq kapitali u b'hekk jimmobilizzaw it-tfaddil. Dan ifisser it-tiżni tal-parteciġazzjoni tal-investituri fil-livell tal-konsumatur u l-litteriżmu finanzjarju, il-mobilizzazzjoni tal-grupp kbir ta' assi tal-investituri istituzzjonali tal-Ewropa, u l-espansjoni tal-għażliet ta' finanzjament lil hinn mis-settur bankarju għad-ditti kollha – inkluż biex jiġu appoġġati l-kumpaniji start-up u scale-up. Titlob ukoll li tiġi indirizzata l-frammentazzjoni fis-swieq kapitali, li jiġu permessi ekonomiji ta' skala transfruntiera u li jiġi indirizzat il-piż amministrattiv permezz ta' superviżjoni aktar effiċjenti fis-Suq Uniku u tnaqqis tal-goldplating (regolamentazzjoni żejda) fil-livell nazzjonali. Din l-aġenda tistrieħ fuq progress sostnut fir-rigward kemm tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali kif ukoll tal-Unjoni Bankarja. Billi japprofondixxu s-swieq kapitali, l-investituri fil-livell tal-konsumatur u dawk istituzzjonali, inklużi l-iskemi tal-pensjonijiet okkupazzjonali u personali, jistgħu jiksibu aċċess għal opportunitajiet ta' investiment aktar varjati biex jibnu l-ġid taċ-ċittadini u jidderieġu l-fondi lejn id-ditti u l-infrastruttura Ewropej. Fl-istess ħin, it-tlestija tal-Unjoni Bankarja billi jsir aktar progress fl-elementi pendenti kollha tagħha f'konformità mad-Dikjarazzjoni tal-Grupp tal-Euro ta' Ġunju 2022 u l-promozzjoni ta' setturi bankarji kompetittivi u li jiffunzjonaw tajjeb jappoġġaw intermedjazzjoni finanzjarja aktar integrata, stabbli u effiċjenti fl-Istati Membri kollha, inaqqsu l-frammentazzjoni u jsaħħu r-reżiljenza tas-sistema finanzjarja. L-inizjattivi tal-Istati Membri bħal-Laboratorju Ewropew tal-Kompetittività jistgħu jgħinu wkoll biex isir aktar progress u aktar malajr lejn il-kisba tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti. Flimkien, dawn ir-riformi jippermettu liż-żona tal-euro u lill-Unjoni kollha kemm hi biex jidderieġu l-iffrankar kbir tagħhom lejn investimenti produttivi fil-livell domestiku, u b'hekk jittrasformaw dan l-iffrankar f'mutur tal-kompetittività, l-innovazzjoni u s-sigurtà.

¹² COM(2025) 124 final.

- (14) L-euro għandu rwol b'saħħtu bħala munita reġjonali, użat b'mod ġenerali għall-fatturazzjoni minn ekonomiji ġirien u bħala munita ta' riżerva, u b'hekk iservi bħala ankra makroekonomika għall-istabbiltà tar-reġjun Ewropew usa'. Tintuża wkoll b'mod wiesa' mill-esportaturi u l-importaturi Ewropej fit-tranżazzjonijiet tagħhom mal-bqija tad-dinja. Fl-istess ħin, is-sistema monetarja u finanzjarja internazzjonali għaddejja minn bidla profonda, ikkaratterizzata minn xokkijiet ġeopolitiċi, multipolarità dejjem tikber, u innovazzjoni teknoloġika rapida. L-istrumentalizzazzjoni, u t-theddid ta' strumentalizzazzjoni, tal-interdipendenzi ekonomiċi u finanzjarji enfasizzaw il-vulnerabbiltajiet fl-awtonomija strateġika finanzjarja tal-Unjoni u taż-żona tal-euro. Użu internazzjonali aktar ġenerali tal-euro jappoġġa l-awtonomija strateġika tal-UE, inaqqs il-kostijiet tal-finanzjament, u jnaqqas l-iskoperturi tar-rati tal-kambju tad-ditti, għalkemm b'responsabbiltajiet ġodda potenzjali għaż-żamma tal-istabbiltà makrofinanzjarja internazzjonali. F'dan il-kuntest, l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' euro diġitali, flimkien ma' sforzi biex tissaħħaħ l-interoperabbiltà u l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet ta' pagament privat domestiku u reġjonali u biex jiġi esplorat il-potenzjal biex jinħarġu stablecoins denominati f'euro u maħruġa mill-UE u l-iżvilupp depożiti tokenizzati, jikkontribwixxi għat-tiżiħ tas-sovranità monetarja tal-Ewropa u b'hekk titnaqqas id-dipendenza fuq infrastrutturi finanzjarji mhux Ewropej u tissaħħaħ ir-reżiljenza u l-preparatezza tas-sistema finanzjarja u ta' pagament tal-Ewropa.

(15) Is-settur finanzjarju baqa' reżiljenti. Ir-riżultati tal-eżerċizzju tat-test tal-istress tal-Awtorità Bankarja Ewropea tal-2025 mal-UE kollha kkonfermaw li l-banek Ewropej jibqgħu robusti anke taħt reċessjoni ekonomika ipotetika severa. Madankollu r-riskji għall-istabbiltà finanzjarja huma għoljin u għad hemm vulnerabbiltajiet. Fl-ewwel nofs tal-2025, is-settur bankarju fiż-żona tal-euro kompli jkollu prestazzjoni b'saħħitha, appoġġat minn pożizzjonijiet robusti ta' kapital u likwidità, kif ukoll profittabbiltà sostnuta, minkejja li ddgħajfu l-kundizzjonijiet globali u domestiċi u rati tal-imgħax li qed jonqsu. Il-valutazzjonijiet bankarji żdiedu b'mod sinifikanti minn nofs l-2024, filwaqt li l-kwalità tal-assi s'issa baqgħet stabbli, bi proporzjonijiet ta' self improduttiv ġeneralment stabbli. Fl-istess ħin, l-ambjent internazzjonali sar aktar volatili. L-inċertezza tal-politika globali u l-kundizzjonijiet finanzjarji globali volatili jżidu r-riskju ta' korrezzjonijiet tal-prezzijiet tal-assi, u pressjonijiet imġedda fuq il-likwidità u s-swieq tad-dejn sovrani. Kemm il-banek kif ukoll l-intermedjarji finanzjarji mhux bankarji (NBFIs) għandhom skoperturi sinifikanti għal setturi sensitivi għall-kummerċ bħall-azzar u l-manifattura tal-karozzi. F'każijiet fejn id-diskrepanzi mhux mitigati fil-likwidità u l-ingranaġġ għoli f'setturi ewlenin tal-NBFIs huma sorsi importanti ta' vulnerabbiltajiet. L-interkonnnettività dejjem akbar bejn il-banek u l-NBFIs, flimkien ma' rabtiet sinifikanti ma' NBFIs u swieq oħra mhux tal-UE, iżidu aktar kumplessità u skoperturi li bħalissa mhumiex viżibbli u mmonitorjati biżżejjed. Ir-riskji fis-settur tal-proprjetà immobbli kummerċjali għadhom jippersistu, u jeħtieġu monitoraġġ mill-qrib. L-iżviluppi fis-suq tad-djar jistħoqqilhom ukoll attenzjoni, minħabba r-rabtiet tagħhom mas-self bankarju u d-dejn privat, kif ukoll mal-investment u l-attività ekonomika b'mod aktar ġenerali. Fost tensjonijiet ġeopolitiċi għoljin, ir-riskji ċibernetiċi qed ikomplu jikbru fl-importanza bħala vulnerabbiltajiet operazzjonali ewlenin, inkluż għall-banek. Hemm ukoll riskji għas-settur finanzjarju li jirriżultaw minn skoperturi relatati mal-klima u mal-ambjent. F'dan l-isfond, is-salvagwardja tal-istabbiltà finanzjarja ser titlob viġilanza kontinwa, superviżjoni li tħares 'il quddiem u reżiljenza msaħħa fis-segmenti kollha tas-sistema finanzjarja inkluż permezz ta' xbieki ta' sikurezza xierqa.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jaġixxu b'mod deċiżiv, individwali u kollettiv fil-Grupp tal-Euro, fil-perjodu 2026–2027 biex:

1. Jissalvagwardjaw is-sostenibbiltà fiskali, jirrispettaw il-perkorsi tan-nefqa netta rakkomandati, inkluż, fejn applikabbli, il-flessibbiltà temporanja mogħtija permezz tal-klawżola liberatorja nazzjonali għall-infiq fid-difiża. Dan għandu jwassal għal politika fiskali differenzjata b'mod xieraq u jirriżulta f'pożizzjoni fiskali ġeneralment newtrali fl-2026.
2. Filwaqt li jirrispettaw il-perkorsi tan-nefqa netta rakkomandati, jimplimentaw strateġiji fiskali fuq terminu medju li jaġhmlu spazju għall-infiq meħtieġ marbut mal-kapaċitajiet tad-difiża, isaħħu l-kompetittività, l-innovazzjoni u l-investment fi prioritajiet strateġiċi. Jimplimentaw prijoritizzazzjoni mill-ġdid tal-baġits nazzjonali fuq terminu medju u jieħdu miżuri biex jittejjbu l-effettività, l-effiċjenza, il-kwalità u l-kompożizzjoni tad-dħul u n-nefqa pubbliċi inkluż billi jiġi miġġieled l-ippjanar aggressiv tat-taxxa. Jippromwov u assigurazzjoni privata akbar ta' telf relatat ma' avvenimenti relatati mal-klima.
3. Jindirizzaw l-ostakli fl-industriji tad-difiża biex jiżguraw li, f'konformità mal-Pjan Direzzjonali għall-Prontezza tad-Difiża 2030, infiq pubbliku addizzjonali jissarraf f'kapaċitajiet ta' difiża f'waqthom u effettivi. Jippromwov u suq fl-UE kollha għat-tagħmir tad-difiża; jinkoraġġixxu akkwist konġunt li jgħin fit-titjib tal-effiċjenza, l-interoperabbiltà u jnaqqas il-frammentazzjoni.
4. Ilestu l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza sal-31 ta' Awwissu 2026 u jappoġġaw il-finanzjament tal-investment fis-snin sussegwenti billi jikkoordinaw il-finanzjament nazzjonali u tal-UE. Jiżguraw l-assorbiment tal-fondi disponibbli tal-UE, filwaqt li jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet introdotti bir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-politika ta' koeżjoni.

5. Jippromwovu t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol bil-ħsieb li jiżdiedu l-produttività u l-kapaċità tal-innovazzjoni u jiġu appoġġati setturi strateġiċi. Isaħħu l-politiki tal-edukazzjoni u t-taħriġ biex itejbu l-eżiti edukattivi b'enfasi speċjali fuq il-ħiliet bażiċi u diġitali u jiżguraw tqabbil aħjar bejn id-domanda u l-provvista tal-profilu tal-ħiliet. Jindirizzaw l-ispariġġi fil-ħiliet u d-disparitajiet reġjonali kbar fil-ħiliet u d-dotazzjonijiet tal-kapital uman. Jippromwovu l-kwalità tal-impjegi u jkomplu jżidu l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, inkluż għal gruppi sottorappreżentati fis-suq tax-xogħol. Jieħdu miżuri biex jiffaċilitaw il-mobbiltà transfrontiera fis-Suq Uniku u il-migrazzjoni legali ġestita ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi f'okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema. Isaħħu l-inċentivi għax-xogħol billi jċaqilqu l-piż tat-taxxa lil hinn mix-xogħol, inkluż permezz ta' riformi mmirati tas-sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji. Jieħdu azzjoni fil-ġlieda kontra l-faqar u t-tnaqqis tiegħu billi jissalvagwardjaw u jsaħħu sistemi ta' protezzjoni u inklużjoni soċjali adegwati u sostenibbli, kif ukoll aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli, sostenibbli u ta' kwalità. Jiżguraw l-involvement effettiv tas-sħab soċjali fit-tfassil tal-politika u jsaħħu d-djalogu soċjali.
6. F'konformità mal-prattiki nazzjonali u b'rispett għar-rwol tas-sħab soċjali u tad-djalogu soċjali¹³, isaħħu l-kundizzjonijiet li jappoġġaw it-tkabbir sostenibbli fil-pagi, speċjalment għal dawk b'introjtu baxx u medju, f'konformità mal-iżviluppi fil-produttività, filwaqt li jitqiesu kif xieraq ir-riskji tal-inflazzjoni u d-diverġenzi fil-kompetittività fiż-żona tal-euro.
7. Jipprijoritizzaw l-investment pubbliku u jinċentivaw l-investment privat b'appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni, id-dekarbonizzazzjoni industrijali, l-enerġija nadifa u affordabbli, it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, is-sigurtà ekonomika u t-tnaqqis tad-dipendenzi strateġiċi tul il-ktajjen tal-valur. Jippromwovu l-allokazzjoni tar-riżorsi lejn setturi u teknoloġiji b'potenzjal għoli ta' tkabbir, u jsaħħu l-ekosistemi tal-innovazzjoni, inkluż billi jsaħħu r-rabtiet bejn atturi differenti bħan-negozji, l-universitajiet jew l-istituzzjonijiet tar-riċerka u jiżviluppaw ir-rwol tal-kapital ta' riskju fil-finanzjament ta' kumpaniji start-up u scale-up u l-aċċellerazzjoni tal-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali u teknoloġiji b'emissjonijiet żero nett u baxxi. Itejbu l-aċċess għall-finanzjament xieraq għan-negozji, speċjalment l-SMEs innovattivi, inkluż permezz ta' kapital ta' riskju.

¹³ Fit-tħejjija tal-Pakkett tal-Ħarifa 2026, il-Kummissjoni u l-Kunsill irċevew kontribuzzjonijiet mill-KETU (Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions) u mill-assoċjazzjonijiet tal-impjegaturi.
Ara https://commission.europa.eu/publications/2026-european-semester-autumn-package_en.

8. Ineħħu l-ostakli interni u d-disparitajiet regolatorji eżistenti fil-livell nazzjonali, kif ukoll id-defiċits tat-traspożizzjoni u tal-konformità li fadal, biex japprofondixxu s-Suq Uniku u jtejbu l-effiċjenza, il-kompetittività u l-kapaċità tad-ditti li jikbru u jespandu fuq livell dinji.
9. Imexxu 'l quddiem is-simplifikazzjoni regolatorja billi jidentifikaw u jnaqqsu l-piżijiet bla bżonn u jiżguraw l-adozzjoni ta' regolamentazzjoni trasparenti, proporzjonata u mmirata, inkluż billi jagħmlu użu effettiv mill-għodod disponibbli, bħal, per eżempju, konsultazzjonijiet pubbliċi u mal-partijiet ikkonċernati fil-proċess tat-tfassil tal-liġijiet, kif ukoll l-evalwazzjonijiet ex post tal-leġiżlazzjoni.
10. Jiżviluppaw Unjoni Ewropea tat-Tfaddil u l-Investimenti, filwaqt li jibnu fuq il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Marzu 2025¹⁴, permezz ta' sforzi konġunti Ewropej, nazzjonali u tal-Istati Membri, li jipromwovu swieq kapitali u setturi bankarji kompetittivi u li jiffunzjonaw tajjeb biex jimmobilizzaw it-tfaddil Ewropew lejn investimenti fit-tul b'mod partikolari f'setturi tal-ekonomija Ewropea b'potenzjal għoli ta' tkabbir jew ta' importanza strateġika. Jindirizzaw il-frammentazzjoni tas-suq kapitali u l-ostakli għall-forniment u l-konsum transfruntier tas-servizzi finanzjarji, u d-diverġenza fil-prattiki superviżorji nazzjonali, billi jagħmlu progress rapidu fil-Pakkett dwar l-Integrazzjoni tas-Suq u s-Superviżjoni. Titlesta l-Unjoni Bankarja billi titkompla l-ħidma fuq l-elementi kollha pendenti tagħha, f'konformità mad-dikjarazzjoni tal-Grupp tal-Euro ta' Ġunju 2022. Tissaħħaħ il-kompetittività tas-settur bankarju.
11. Jeżaminaw opzjonijiet biex jimplimentaw ir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-2025 dwar iż-żieda fid-disponibbiltà tal-kontijiet tat-tfaddil u tal-investment bi trattament tat-taxxa simplifikat u vantaġġu¹⁵ (Settembru 2025) u dwar id-dashboards tal-pensjonijiet, is-sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet u l-awto-registrazzjoni¹⁶ (Novembru 2025), kif ukoll dawk li jinsabu fil-Komunikazzjoni tal-2025 dwar Strateġija għal-Litteriżmu Finanzjarju għall-UE¹⁷ (Settembru 2025).

¹⁴ COM(2025) 124 final.

¹⁵ C(2025) 6800 final.

¹⁶ C(2025) 9300 final.

¹⁷ COM(2025) 681 final.

12. Ikomplu jmxexx u l quddiem rapidament il-ħidma fuq l-euro diġitali, irawmu l-innovazzjoni, il-kompetizzjoni u r-reżiljenza fis-suq tal-pagamenti u jiżguraw l-aċċess wiesa' kontinwu u l-possibbiltà tal-użu tal-flus tal-bank ċentrali f'ekonomija diġitalizzanti. Jinkoraġġixxu l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet ta' pagament privat żviluppati fil-livell Ewropew b'firxa pan-Ewropea, filwaqt li jippromwovu l-interoperabbiltà tagħhom mal-euro diġitali. Jesploraw il-potenzjal għall-ħruġ ta' stablecoins denominati f'euro u maħruġa mill-UE u l-iżvilupp ta' depożiti tokenizzati.
13. Jippromwovu r-rwol internazzjonali tal-euro u jimpenjaw ruħhom biex ikomplu jsaħħu l-pożizzjoni globali tagħha, inkluż billi jkomplu jsaħħu l-infrastrutturi finanzjarji u ta' pagament Ewropej, filwaqt li jtejbu r-reżiljenza u l-preparatezza tagħhom.
14. Jimmonitorjaw ir-riskji għall-istabbiltà makrofinanzjarja, inklużi dawk li jirriżultaw mill-kwalità tal-assi, id-dinamika tal-ipprezzar mill-ġdid, u l-iskoperturi relatati mal-klima u mal-ambjent u l-interkonnnessjonijiet bejn il-banek u dawk li mhumiex banek fis-swieq finanzjarji ewlenin u permezz ta' finanzjament privat. Fejn meħtieġ itejbu l-qafas regolatorju u superviżorju għas-settur tal-intermedjazzjoni finanzjarja mhux bankarja biex jiżguraw li l-vulnerabbiltajiet emerġenti jiġu identifikati u ġestiti b'mod effettiv.

Magħmul fi,

Għall-Kunsill

Il-President
